MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Laqgħa Numru 15

L-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa b'urġenza *online* permezz ta' *video call* fuq *Facebook Messenger* nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2020 fl-4.00pm.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 15.1 Talba;

15.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 15.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

15.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 15.3 Ġbir ta' skart riċiklabbli;

15.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li sadanittant, il-Kunsill qed jirċievi korrispondenza mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali biex jingħata aktar informazzjoni dwar is-servizzi tal-ġbir tal-iskart fil-Fontana, fosthom rendikont dettaljat fejn il-Kunsill qed jiproġetta li ser ikollu diffikultajiet finanzjarji sal-aħħar ta' din is-sena minħabba din il-kwistjoni.

15.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri wkoll li l-kuntrattur irrifjuta li jiġbor l-iskart riċiklabbli u tal-ħġieġ bl-istess prezz tal-ġbir l-oħra bħalma kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti. Għalhekk, wara li kien hemm qbil mill-membri kollha tal-Kunsill, ġie maqbul mal-kuntrattur sabiex il-prezz tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli u tal-ħġieġ ikun ta' €94.40 għal kull ġabra.

15.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif deċiż fl-aħħar laqgħa sabiex il-Kunsill jistenna x'passi ser jittieħdu mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward, il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-assoċjazzjoni sabiex il-Kunsill jiddeċiedi f'laqgħa b'urġenza jekk hux interessat jew mod ieħor li jibda jiġi esplorat mekkaniżmu dwar kif l-ġbir tal-iskart riċiklabbli jibda jsir mir-reġjun rispettiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex Il-Kunsill Lokali Il-Fontana juri l-interess u jiffirma l-ftehim ta' aċċettazzjoni sabiex il-Kunsill Reġjonali flimkien mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Ministeru għall-Gvern Lokali, jesploraw mekkaniżmu dwar kif il-ġbir tal-iskart riċiklabbli u tal-ħġieġ jibda jsir mir-reġjun t'Għawdex.

## 15.4 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

15.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara f'laqgħa preċedenti l-Kunsill kien innomina lis-Sur Joseph Azzopardi biex iservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, dan m'aċċettax li jservi f'din il-kariga minħabba raġunijiet personali, qal li sab impjieg *part-time*.

15.4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kellu informazzjoni li s-Sur Neville Galea huwa interessat biex iservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil mill-membri li ssir din in-nomina. Il-Kunsill ser jinfurmah dwar din in-nomina biex jaċċetta jew mod ieħor għall-ħatra ta' din il-kariga.

## 15.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.5.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fit-3.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020.

*IFFIRMATA*
Saviour Borg
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA